MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 321/2004

**Joseph Zammit**

***versus***

*Buxom Poultry Ltd*

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjetaċ attrici li bih, wara li ppremettiet:

Illi s-socjetaċ attrici konvenuta Buxom Poultry Ltd ghandha thallas lill-attur is-somma ta' hamest elef, disa mija u erba u sittin lira Maltija (Lm5,964), liema somma tirrapresenta prezz mhux imhallas ta' tigieg mibjugha u ikkonsenjati lis-socjetaċ konvenuta, kif jirrizulta wkoll mid-dokumenti hawn annessi bhala Dok. "A";

Illi peress li dan id-dejn huwa cert likwidu u dovut u ghalkemm interpellata, anke ufficjlament, is-socjetaċ konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi fil-fehma ta' l-attur, is-socjetaċ konvenuta m'ghandiex eccezzjoni valida x'taghti kontra din l-azzjoni.

Illi ghall-finijiet tal-artikolu mija u seba u sittin (167) "et sequitur" tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili qieghed hawn jigi anness affidavit ta' l-attur u mmarkat bhala Dok B.

Tghid is-socjetaċ konvenuta ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

(1) tghaddi ghas-sentenza tad-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u
(2) Tikkundanna lis-socjetaċ konvenuta thallas lill-attur s-somma minnha dovuta ta' hamest elef disa mija erba u sittin lira Maltija (LM 5,964) liema somma tirraprezenta prezz mhux imhallas ta' tigieg mibjughha u ikkonsenjati lil Buxom Poultry Ltd.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru tad-19 ta' April, 2004, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiva kontra s-socjetaċ konvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat illi r-rappresentant tas-socjetaċ konvenuta deher u ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni, kif imnaqqsa b'nota tat-12 ta' Mejju, 2006;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni kif imnaqqsa tirrizulta ppruvata:

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur kif imnaqqsa bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------